TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 84/19/F

**Philip Marmara**

**vs**

**Sunlock Window Blinds**

Illum, ta' Diċembru, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-24 ta' Lulju, 2019 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mija u tlett Ewro (€103), rappreżentanti l-prezz ta' blinds illi ġiet installata u kienet ta' daqs żgħir.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ordna sett ta' blinds mingħand id-ditta ntimata, pero' jirriżulta li l-kejl kien ħadu huwa stess u ppreżenta l-kejl lill-intimat sabiex jaħdem fuqhom. Illi l-intimat ħadem il-kejl u jidher illi ħadmu skond il-kejl mogħti lilu, pero' meta ġie biex iwaħħal jirriżulta li kien ftit pulzieri inqas minn dak li kien hemm tat-tieqa.

It-Tribunal, għalhekk irid jiddeċiedi jekk min ħa l-kejl kellu t-tort, jew inkella min għamel il-blinds.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jemmen iktar il-verżjoni ta' l-intimat illi ħadem il-blinds fuq il-kejl li tah ir-rikorrenti, u r-rikorrenti kien responsabbli għal kejl.

Għaldaqstant it-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888